**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Maħluf Nru: 53/2020**

**L-AVUKAT DOTTOR RICHARD BERNARD BĦALA MANDATARJU SPEĊJALI TAL-ASSENTI JAKUB TOMASZ STECHLY**

**VS.**

**LUMA HOLDING LIMITED**

**Il-Qorti**:

1. Dan huwa digriet li qed jingħata wara rikors imressaq minn Luma Holdings Limited fit-**13 ta' Lulju, 2021**, li permezz tiegħu talbet ir-revoka *contrario imperio* ta' '*digriet'* mogħti minn din il-qorti, waqt is-seduta tal-21 ta' Ġunju, 2021, dwar kif għandhom jinġiebu l-provi tal-kumpannija konvenuta;

2. Fil-qasir, il-kumpannija konvenuta qiegħda titlob biex: minflok tressaq l-ewwel l-affidavits tagħha u wara tressaq ix-xhieda *viva voce* (kif imniżżel fil-verbal tal-21 ta' Ġunju, 2021); hija trid li jinbidel l-ordni fil-ġbir tal-provi, billi l-ewwel titħalla tibda bix-xhieda *viva-voce* u wara tressaq l-affidavits tagħha;

3. Id-‘*digriet’* jew aħjar verbal tal-21 ta’ Ġunju, 2021, li l-kumpannija konvenuta qiegħda titlob li jitħassar jew jinbidel jaqra hekk:

> *«L-Avukat tal-kumpanija konvenuta nfurmaw lill-Qorti li għal-lum m'għandhomx provi però huma għandhom bżonn sal-aħħar t'Awwissu biex iressqu żewġ Affidavits u mhux iżjed minn żewġ seduti biex iressaq ix-xhieda viva voce. Il-Qorti qiegħda tawtorizza lill-Kumpanija konvenuta sabiex tressaq l-Affidavits kollha tagħha sal-aħħar t'Awwissu u tordna lill-istess kumpanija sabiex permezz ta' Nota, li trid titressaq fi żmien ġimgħatejn millum, fejn fiha tindika liema huma x-xhieda viva voce illi hija trid tressaq. Fl-istess Nota irid jiġi ndikat ukoll jekk ix-xhieda ħa ssirx fiżikament fil-Qorti jew inkella b'mod virtwali.»*

4. Mingħajr tidwir fil-kliem, il-qorti tqis li dan ir-rikors sar ħażin, għaliex biex ikun jista’ jitħassar digriet, l-ewwel irid jintwera li fil-fatt ikun ingħata digriet;

5. Tassew ma jirriżultax li din il-qorti tat xi digriet, li permezz tiegħu irregolat l-ordni ta’ kif il-kumpannija konvenuta għandha tressaq ix-xhieda tagħha. Mod ieħor, mill-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Ġunju, 2021, jirriżulta li kien l-avukat tal-kumpannija konvenuta stess, li talab biex huwa jitħalla jressaq l-affidavits sal-aħħar ta’ Awwissu, liema talba ġiet milqugħa minn din il-qorti;

6. Jiġi b’hekk, li dan mhuwiex każ ta’ revoka *contrario imperio* ta’ digriet mogħti minn din il-qorti, kif ħażin qed tpoġġiha l-kumpannija konvenuta fir-rikors tagħha. Jekk xejn, dan huwa każ fejn l-avukat tal-kumpannija konvenuta biddel il-ħsieb tiegħu dwar kif huwa jixtieq iressaq il-provi, f’isem il-klijenta tiegħu;

7. Illi skont il-liġi, dikjarazzjoni magħmula f'kawża minn avukat tista' titreġġa' lura biss, bil-proċedura u fiċ-ċirkostanzi mfissra fl-**artikolu 695 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara *inter alia* ***Brian Valenzia nomine v. Joseph Camilleri nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju, 2003, ***Mario Seguna et vs. Carmel Debono et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Settembru, 2004 u ***Valfracht Roro Line Limited v. KD Commercials Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu, 2018);

8. Żgur però, dikjarazzjoni magħmula f'verbal minn avukat ma tistax tiġi mreġġa' lura bil-proċedura ta' rikors għar-revoka *contrario imperio* ta' digriet, li ma jkunx ingħata jew jeżisti;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda għalhekk **tiċħad** it-talba magħmula mill-kumpannija konvenuta fir-rikors tagħha tat-13 ta' Lulju, 2021;

**Digriet kamerali mogħti llum, nhar il-Ħamis, 15 ta' Lulju, 2021.**

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**